Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

**MARIE LOUISE COLEIRO PRECA**
**President**

16 ta' Mejju, 2014

**ATT Nru. XV tal-2014**

*Att biex jemenda l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità, Kap. 258.*

Il-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att tal-2014 li jemenda l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 258.

**2.** L-artikolu 4 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Sostituzzjoni tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

"Pussess ta' karti tal-identità.

4. Kull persuna ta' nazzjonalità Maltija li għandha 'l fuq minn erbgħatax-il sena għandu jkollha fil-pussess tagħha karta tal-identità valida, u għal dawn il-finijiet, għandha tapplika għaliha skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, mhux aktar tard minn xahar wara l-għeluq tagħha ta' erbgħatax-il sena. Fil-każ ta' persuni li huma ta' nazzjonalità Maltija u għadhom kemm irritornaw lura Malta bl-intenzjoni li jgħixu f'Malta b'mod permanenti, dawn għandhom jagħmlu talba għal ħruġ ta' karta tal-identità ġdida mhux iżjed tard minn xahar wara li jirritornaw lura Malta.".

Emenda tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

**3.** Is-subartikolu (2) tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "id-data li fiha tindika l-bidu tal-validità tagħha u meta tiskadi, u n-numru tal-att ta' twelid tagħha kif mgħoti mir-Reġistru Pubbliku", għandhom jidħlu l-kliem "id-data li fiha tindika l-bidu tal-validità tagħha u meta tiskadi, u numru ta' identifikazzjoni tad-detentur li jista' jkun jew in-numru tal-att ta' twelid kif mgħoti mir-Reġistratur Pubbliku jew kull numru ieħor kif jista' jiġi mogħti lilha mill-uffiċjal awtorizzat"; u

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu, minnufih wara l-kliem "l-indirizz tal-post prinċipali ta' residenza" għandhom jiżdiedu l-kliem "f'Malta".

Emenda tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

**4.** Is-subartikolu (2) tal-artikolu 8 għandu jiġi imħassar u s-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 8 sħiħ.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 147 tat-12 ta' Mejju, 2014.

ANĠLU FARRUĠIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

---

I assent.

(L.S.) **MARIE LOUISE COLEIRO PRECA**
**President**

16th May, 2014

## ACT No. XV of 2014

*AN ACT to amend the Identity Cards and Other Identity Documents Act, Cap. 258.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows: -

Short title. Cap. 258.

**1.** The short title of this Act is the Identity Cards and Other Identity Documents (Amendment) Act, 2014 and it shall be read and construed as one with the Identity Cards and Other Identity Documents Act hereinafter referred to as "the principal Act".

Substitution of article 4 of the principal Act.

**2.** Article 4 of the principal Act shall be substituted by the following:

"Possession of identity cards.

4. Every Maltese national over the age of fourteen years shall be in possession of a valid identity card and for this purpose he shall make application therefor in accordance with the provisions of this Act not later than one month after his fourteenth birthday. In the case of Maltese nationals returning to Malta with the intention of setting up permanent residence, these shall make an application for the issue of a new identity card not later than one month after their return to Malta.".

Amendment of article 5 of the principal Act.

**3.** Sub-article (2) of article 5 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) for the words "the date on which its validity commences and expires, and his act of birth number as given by the Public Registry", there shall be substituted the words "the date on which its validity commences and expires, and an identifying number of the holder which may either be his act of birth number as given by the Public Registry or any other number as may be assigned to him by the authorised officer"; and

(b) in paragraph (b) thereof, immediately after the words "the address of the principal place of residence", there shall be added the words "in Malta".

Amendment of article 8 of the principal Act.

**4.** Sub-article (2) of article 8 of the principal Act shall be deleted and sub-article (1) thereof shall be renumbered as the whole article 8.

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 147 of the 12th May, 2014.

ANĠLU FARRUGIA

*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk to the House of Representatives*

---